**8 ta' Ġunju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Debono

## Indikazzjoni ħażina ta' l-artikolu tal-Liġi

*Għandha tkun revokata sentenza li ssib lill-akkużat ħati taħt artikolu tal-liġi li huwa indikat ħażin fl-istess sentenza. L-artikolu tal-liġi li taħtu l-akkużat jinstab ħati jrid jiġi ċċitat fis-sentenza ad validitatem.*

Il-Qorti: – Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-pulizija kontra l-imputat talli fl-20 ta' Ottubru 1989 għall-ħabta ta' l-10.30 ta' fil-għodu fl-skola tas-snajja' tas-subien 'Dun Ġwann Mamo' l-Marsa, a) volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajat u ġlied; b) ħebb għal Rokku Camilleri minn B'Buġa li hu persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien għamel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u kkaġunalu feriti ta' natura ħafifa skond ma ċċertifika Dr Coppini M.D. tal-Poliklinika ta' Raħal il-Ġdid; ċ) hedded lill-istess Rokku Camilleri minn B'Buġa bi kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-

Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-23 ta' Marzu 1990 li biha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(d)(e)(dd), 221(3)(b), 95, u 383(1)(2) tal-Kap. 9 sabet lill-imputat mhux ħati tat-tielet akkuża u tilliberah minnha iżda sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tieni akkużi u fuqhom qed *tilliberah bil-kondizzjoni li* ma jagħmilx reat ieħor għal żmien tliet (3) xhur mil-lum taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152 u obbligatu sabiex bl-ebda mod ma jerġa' jimmolesta lill-istess Rokku Camilleri, taħt garanzija personali ta' l-istess imputat għal perijodu ta' sena taħt penali ta' Lm50;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Debono li bih talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u minnhom tilliberah u tikkonferma s-sentenza fit-tielet akkuża u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża appellata;

Semgħet it-trattazzjoni mill-abbli avukati;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra tikkonsidra biss l-ewwel żewġ aggravji kontenuti fir-rikors ta' l-appell u li dwarhom saret trattazzjoni fis-seduta tal-11 ta' Mejju 1990. Dan għaliex fuq id-deċiżjoni dwar il-punti jiddependi jekk il-Qorti billi tisma' x-xhieda li semgħet l-ewwel Qorti jew le;

L-ewwel aggravju:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti

ċċitat l-artikolu 339(dd) bħala wieħed mill-artikoli illi taħtu l-imputat appellanti nstab ħati;

Dan l-artikolu ma jeżistix fil-Kodiċi u għalhekk l-appellanti ġie misjub ħati ta' reat mhux apparenti fil-liġijiet kriminali;

Ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali għal dan l-argument kienet l-ewwel illi l-iżball kien wieħed fit-traskrizzjoni tas-sentenza, u t-tieni, illi l-akkużat fiċ-ċitazzjoni huma sempliċiment indikazzjonijiet u l-Qorti mhix marbuta riġidament magħhom;

Dwar din il-lanjanza l-Qorti kkunsidrat is-segwenti;

L-ewwel Qorti qalet testwalment hekk fil-parti operativa tas-sentenza tagħha: "Għalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 339(d)(e)(dd), 221(3)(b), 95 u 383(1)(2) tal-Kap. 9, tara li ġew ippruvati sodisfaċentement l-ewwel u t-tieni akkuża, iżda ma tirriżultax it-tielet akkuża....";

Il-Qorti hawn ma speċifikatx liema artikolu japplika għal-liema akkuża, imma din il-Qorti tara li hu relattivament faċli li jsir dan l-eżerċizzju. Iżda dan l-eżerċizzju ma jistax isir fil-każ ta' l-artikolu 339(dd) li ma jeżistix fil-Kapitolu 9;

Il-Qorti rat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-oriġinal u jidher illi l-artikolu ġie ċitat ħażin bi żvista ovvja, ċjoè 339(dd) flok 338(dd);

Issa dan il-*lapsus* sa fejn iwassal?

Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel

u t-tieni akkuża. L-ewwel akkuża kienet dik li l-appellant kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied. It-tieni akkuża kienet illi l-appellant ħebb għal Rokku Camilleri minn Birżebbuġa li hu persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku eċċ;

Jekk wieħed jeżamina l-artikoli li huma kontemplati fihom dawn l-akkużi, wieħed isib li l-ksur tal-bon ordni hu rregolat bl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;

Mela l-ewwel Qorti, biex tagħti sentenza valida fil-konfront ta' din l-akkuża, kellha, skond l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, issemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi... li jkun jikkontempla r-reat;

Dan ċertament ma sarx f'dan il-każ, billi l-artikolu korrett ma ġiex ikkwotat;

Tista' din il-Qorti, però, tikkonsidra l-iżball ta' l-ewwel Qorti bħala *lapsus calami* ovvju u tagħti validità lis-sentenza orġinali? Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ir-risposta trid tkun fin-negattiv. Il-prinċipji in materja kriminali huma ta' interpretazzjoni ristrettiva u ma jistgħux jiġu estiżi, la b'analoġija u lanqas b'approssimazzjoni. Il-liġi trid, *ad validitatem,* illi l-artikolu tal-liġi jiġi ċċitat fis-sentenza, u dan ma sarx;

Mela dwar l-ewwel akkuża s-sentenza timmerita revoka;

It-tieni aggravju:

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti sabet lill-appellant ħati

taħt l-artikolu 339(1)(d) ċjoè dwar min "ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil dik il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi";

Il-lanjanza ta' l-appellant hi hawn illi t-tieni akkuża fiċ-ċitazzjoni oriġinali ma tinkwadrax ruħha f'dan l-artikolu, billi din tinvolvi l-ħebb kontra persuna li tkun inkarigata minn servizz pubbliku;

Il-Qorti kkunsidrat illi l-artikolu li fih tinkwadra ruħha t-tieni akkuża, li taħtha nstatb ħati l-appellant mill-ewwel Qorti, huwa l-artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jirriżulta mill-istess diċitura taċ-ċitazzjoni li tirriproduċi, kważi testwalment, it-termini ta' tali artikolu;

Ma hemm l-ebda dubju li tali diċitura ma għandha x'taqsam xejn ma' dik ta' l-artikolu 339(1)(d) li hi ovvjament intisa biex tkopri każijiet residwi li ma jaqgħux taħt artikoli oħra tal-liġi;

Il-Qorti rat ukoll jekk hux possibbli li wieħed jipprospetta li l-ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati ta' offiża komrpiża u involuta fl-akkuża oriġinali, ċjoè jekk l-ewwel Qorti setgħetx ma ssibx lill-appellant ħati taħt l-artikolu 95, iżda ssibu ħati taħt l-artikolu 339;

Iżda din it-teżi mhix sorretta mid-diċitura tas-sentenza li torbot it-tieni akkuża, żbaljatament, ma' l-artikolu 339(1)(d);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tara illi l-ewwel żewġ aggravji ta' l-appellant għandhom jiġu akkolti in kwantu jolqtu l-ewwel

żewġ akkużi li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti rat il-provvedimenti ta' l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali;

Dak li ġie deċiż hawn fuq mhuwiex nuqqas ta' osservanza ta' xi formalità proċedurali neċessarja kif previst fis-subinċiż 3 ta' l-istess artikolu, iżda huwa żball li jirrendi l-ewwel sentenza nulla almenu fil-konfront ta' l-ewwel żewġ akkużi;

Għalhekk il-Qorti qiegħda tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti ħati taħt l-ewwel żewġ akkużi u tillibera lill-appellant mill-istess żewġ akkużi u tikkonferma s-sentenza in kwantu din illiberat lill-appellant mit-tielet akkuża.